MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2014

Numru. 648/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Melvyn Camilleri]**

**vs**

**Radwan Mohammad Ishnaina**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Radwan Mohammad Ishnaina detentur ta' numru 17455/14 tal-Immigrazzjoni tal-Pulizija.

Akkuzat talli nhar il-11 ta' Lulju 2014 ghal habta tal-10.00, f' Hal-Far u/jew f'lokalitajiet f'Malta:

1. ikkommetta serq ta' mobile phone ghad-dannu ta' Kirsten Schembri (ID: 387290M) liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur;

2. u aktar talli fl-istess data, hinijiet, lokalitajiet u cirkustanzi, ihedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra in-nies;

3. u aktar talli fil-Lock Up tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-lejl ta' bejn il-11 u it-12 ta' Lulju 2014, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta liema hsara ma tiskorrix il-€116.47 izda tiskorri it-€23.29.

Rat id-dokumenti esebiti, inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet l-ezami tal-imputat li wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli ccitati u cioe` l-Artikoli 18, 221, 267, 279 u 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Radwan Mohammad Ishnaina hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena.

Il-Qorti tippremetti li qed taghti sentenza sospiza stante li l-imputat ser ikun rimpatrijat lura lejn il-pajjiz tal-origini.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------